

# Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

J.C. Azzopardi
**Segretarju**

Il-festi huma okkażjoni li permezz tagħhom naħsbu u nimmeditaw fuq il-ħajja tal-qaddisin li l-festa għalihom tkun waslet biex tiġi ċċelebrata.

Hija okkażjoni fejn wieħed jammira l-qlubija, jew id-dedikazzjoni tal-persuna mqaddsa lejn Alla. Ħafna mill-qaddisin ma beżgħux mis-sagrifiċċju, jew li jeħduha kontra l-kurrenti ta' żmienhom. Min spiċċa martri, min intefa' f'ħabs, oħrajn waqqfu istituzzjonijiet li permezz tagħhom it-tixrid tal-Kelma t'Alla nżammet ħajja sa żminijietna b'diversi modi u bl-eżempji li huma taw.

Mill-Madonna u San Ġużepp, sa kull persuna li l-Knisja elevat għad-dinjità tal-artal, ilkoll iddedikaw ħinhom biex il-verità tkun magħrufa, speċjalment fis-snin bikrija tal-Kristjaneżmu.

Il-partitarji tal-baned fid-diversi bliet u rħula Maltin u Għawdxin għandhom, waqt li jkunu qed jiċċelebraw fil-festa tagħhom, ma jonqsux mir-rispett lejn dawk li jkunu jappartienu - jekk ikun il-każ - lil xi każin tal-banda ieħor, jew partitarji ta' festa oħra, għaliex b'mod fratern, kulħadd għandu dritt jiċċelebra l-festa tal-qaddis jew qaddisa tiegħu, bil-baned, bin-nar u l-briju, imma kollox għandu jsir b'moderazzjoni, b'rispett lejn ħaddieħor, b'dinjità u dekor.

Hu xieraq għalhekk li bħala nsara u segwaċi tal-festa f'ġieħ Marija Bambina fil-Mellieħa, aħna nagħmlu festa li permezz tagħha nisimgħu l-Kelma t'Alla, niċċelebrawha mal-ħbieb u l-familjari tagħna fit-toroq fil-preżenza wkoll tal-barranin li jiġu jaqsmu magħna l-kultura li tkattret f'dan is-settur matul il-milja tas-snin, kif ukoll ma' bosta Maltin u Għawdxin oħra li huma dilettanti tal-festa Maltija.

L-Eżekuttiv tal-Għaqda Każini tal-Banda jawguralkom il-Festa t-Tajba.

SAMMY BUTTIGIEG
ĊIKKIŻS
FRUIT WHOLESALER
Eggs, Vegetables and Fruit Supplier to Hotels, Caterers and Vendors.
Il-Mitħna, St. Luke Str., Mellieħa, MLĦ 1150 Mob: 9988 3773 Tel: 21 523497, 21 520615